# Il-Karnival Spontanju fin-Nadur

Dr. Mario Saliba

F"Għawdex il-Karnival organizzat m'għandux tradizzjoni twila. Kien f'dawn l-aħħar snin ta' wara l-Gwerra li l-Karnival beda jieħu sura ta' dixxiplina u ta' organizzazzjoni. B'dana kollu l-Karnival minn dejjem kellu parti integrali fil-ħajja soċjali tal-poplu. Minkejja d-diffikultajiet u l-ħajja diffiċli bin-nuqqas ta' meżżi li kien hawn, il-poplu Naduri kien jaf jinsa' l-problemi tiegħu għal jiem minn tas-sena u bħala poplu maqgħud jiċċelebra l-Karnival bil-mod li jaf hu. Dan hu l-Karnival li nistgħu nsejħulu l-Karnival spontanju.



Sa minn żmien il-Kavallieri 'l hawn il-Karnival minn dejjem kien b'xi mod jew ieħor iċċelebrat u peress li ftit kien hawn fejn in-nies tiddeverti kienu jistennew il-jiem tal-Karnival bil-ħerqa. Il-wasla tal-Karnival kienet bħal bżonn naturali u psikoloġiku biex jagħti ftit żfog għas-serjeta' u r-riġidita' tal-ħajja komunali ta' matul is-sena. F'raħal agrikolu kif kien fl-antik in-Nadur fejn il-ħajja hija iebsa u mdawra b'ħafna limitazzjonijiet, dan il-bżonn kien jinħass iktar minn postijiet oħra. Barra minn hekk, ir-Randan ta' dari kien żmien ta' tgħakkis u projbizzjonijiet wisq aktar mil-lum. Dawn il-fatturi kollha flimkien kienu jispiraw lill-missirijietna sabiex jiċċelebraw dawn il-ġranet mill-aħjar li jistgħu u jagħtu żfog għall-ferħ u l-allegrija tagħhom.

Bla dubju ta' xejn il-maskarati li jafu jdaħħku b'xejriet grotteski, inkella bl-ilbies li jaqilgħu mill-gwardarobbi tal-imgħoddi huma l-attrazzjoni prinċipali li jikkaratterizżaw dan il-Karnival. Għalhemm għadek issib maskarati mgħottija b'ixkejjer u l-ħaxix, issib ukoll maskarati libsin kostumi u maskri kuluriti u rikki miġjuba minn barra. Dawn ix-xejriet moderni fil-Karnival għandna nħalluhom għax b'hekk il-modern jitħallat ma' l-antik u hekk il-folklor jibqa' ħaġa ħajja.

Ħaġa oħra li tispikka fil-Karnival tan-Nadur hija t-tadizzjoni tad-daqqaqa fil-ħwienet tax-xorb. Dawn jużaw strumenti tradizzjonali bħalma huma t-tanbur, ir-rabbaba, l-orgni tal-idejn, it-trepied, il-kastanjoli, iż-żaqq u l-kitarra. Għal dan il-kompitu jidħlu nies li minn tfulihom kienu jħobbu l-Karnival u li huma magħrufa mar-raħal kollu għas-simpatiċita' tagħhom. Dan kollu jinkoraġġixxi l-aspett folkloristiku tal-Karnival u għalhekk dan l-aspett għandu jingħata aktar importanza.

Iżda l-iktar karatteristiċi fil-Karnival tan-Nadur huma l-kreativita' u l-ispontanjeta'. L-oriġinalita' fil-Karnival tan-Nadur ma għandha bżonn l-ebda immaġinazzjoni għax hija ispirata mill-ħajja ta' kuljum u għalhekk hija stampa rejali tal-problemi ta' kuljum iżda preżentata b'mod umoristiku. It-tema hija ħajjitna, l-atturi huma aħna, iżda b'wiċċna mgħotti. Huma fil-fatt dawn il-karatteristiċi li jagħmlu l-Karnival tradizzjonali tan-Nadur wieħed uniku fil-Gżejjer Maltin li diffiċli biex timitah. Dan huwa l-Karnival tradizzjonali, Karnival bla dixxiplina, bla ordni, xi kultant makabru, iżda huwa Karnival sinċier, Karnival spontanju, Karnival naturali, Karnival ispirat mill-bżonnijiet psikoloġiċi ta' poplu li jgħix ħajja pjuttost sempliċi. Huma propju dawn il-karatteristiċi kollha li semmejna li jagħmlu mill-Karnival tan-

Nadur wieħed tassew attrajenti u li jiġbed lejh mijiet ta' Għawdxin u Maltin li flimkien ma' numru ta' barranin jiġu fir-raħal tan-Nadur biex ma' nżul; ix-xemx jintilfu qalb il-mijiet ta' maskarati li joħonqu Triq Diċembru Tlettax fejn ma jkunx hemm fejn toqgħod ras ta' labra.

Nistgħu ngħidu mingħajr biża ta' xejn li l-Karnival ta' fil-għaxija fin-Nadur mhux biss stabilixxa ruħu fil-kalendarju tal-Karnival iżda sar parti integrali mill-Karnival Għawdxi tant li ħafna jiġu Għawdex apposta fi żmien il-Karnival biex isegwu l-Karnival spontanju tan-Nadur. F'dawn l-aħħar snin minkejjja li l-Karnival tal-Pjazza organizzat mill-Kunsill Lokali qiegħed minn sena għal sena jitjieb u jikber dan ma naqqas xejn mill-popolarita' tal-Karnival ta' fil-għaxija. Kulmin ikun Għawdex f'dawn il-jiem jerħilha lejn in-Nadur flimkien mal-familja jew ħbieb biex jara l-ispettaklu li jsir fi Triq Diċembru Tlettax, it-triq li żammet; it-tradizzjoni tal-Karnival ħajja. Tant qiegħed jiġi rikonoxxut il-Karnival ta' fil-għaxija li anke l-medja ttih ċerta importanza u ħafna jieħdu l-okkażjoni biex jieħdu ritratti u filmati lill-maskerati diversi. Mhux l-ewwel darba li tara anke fuq stazzjonijiet barranin filmat mill-Karnival tan-Nadur.

Il-Karnival spontanju tan-Nadur huwa parti mill-folklor ħaj ta' gżiritna u l-karatteristiċi li semmejna ituh timbru distintiv u jagħmlu wieħed uniku fil-Gżejjer Maltin.


# Salvu Cassar

Petroleum Products Distributer
Commercial Sales
Engines & Parts

**All kinds of engines from Japan and Great Britain**

**N.B., Fortunato Mizzi Str. Victoria, Gozo. Tel: 552922**
**50, Mgarr Road, Ghajnsielem Gozo, Tel: 556674**

**Mob: 0975746**